A.L. 533 tal-2010

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2010 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 7 u 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaga waħda mat-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Tielet Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "l-Iskeda".

Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011.

(3) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/162/UE tat-22 ta' Diċembru 2009 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud.

Iżid partita ġdida fit-Taqsima Wieħed tal-Iskeda.

2. Fit-Taqsima Wieħed tal-Iskeda, minnufih wara l-partita 4 għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:

"*Provvisti ta' gass permezz ta' sistema ta' gass naturali, ta' elettriku, u ta' enerġija għat-tisħin jew għat-tkessiħ permezz ta'* networks *tat-tisħin u tat-tkessiħ*

5. (1) Il-lok tal-provvista lil negozjant taxxabbli ta' provvista ta' gass permezz ta' sistema ta' gass naturali li tkun tinsab fit-territorju tal-Komunità jew kwalunkwe *network* konness ma' tali sistema, il-provvista ta' elettriku, jew il-provvista ta' enerġija għat-tishin jew għat-tkessiħ permezz tan-*networks* ta' tisħin jew ta' tkessiħ għandu jitqies bħala l-post fejn in-negozjant taxxabbli jkun stabbilixxa n-negozju tiegħu jew għandu stabbiliment fiss 'il fejn isiru l-provvisti, jew, fl-assenza ta' tali post ta' negozju jew stabbiliment fiss, il-post fejn hu għandu l-indirizz permanenti jew fejn is-soltu joqgħod.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "negozjant taxxabbli"

għandha tfisser persuna taxxabbli li l-attività prinċipali tagħha, fir-rigward tax-xiri tal-gass, l-elettriku, l-enerġija għat-tisħin jew għat-tkessiħ, tikkonsisti fil-bejgħ mill-ġdid ta' dawk il-prodotti u li l-konsum personali tagħha ta' dawk il-prodotti huwa negliġibbli.

(2) Fil-każ tal-provvista ta' gass permezz ta' sistema ta' gass naturali li tkun tinsab fit-territorju tal-Komunità jew kwalunkwe *network* konness ma' tali sistema, il-provvista ta' elettriku jew il-provvista ta' enerġija għat-tisħin jew għat-tkessiħ permezz tan-*networks* tat-tisħin jew tat-tkessiħ, fejn tali provvista mhijiex koperta mill-paragrafu (1), il-lok tal-provvista huwa meqjus li huwa l-post fejn ix-xerrej effettivament juża u jikkonsma l-oġġetti:

Iżda fejn it-totalità ta' jew parti mill-gass, tal-elettriku jew tal- enerġija għat-tisħin jew għat-tkessiħ mhix effettivament ikkunsmata mix-xerrej, dawk l-oġġetti mhux ikkunsmati għandhom jitqiesu daqs li kieku ntużaw u ġew ikkunsmati fil-post fejn il-konsumatur ikun stabbilixxa n-negozju tiegħu jew fejn ikollu stabbiliment fiss li għalih ikunu pprovduti l-oġġetti. Fin-nuqqas ta' dan il-post tan-negozju jew stabbiliment fiss, il-konsumatur għandu jitqies li uża u kkonsma l-oġġetti fil-post fejn għandu l-indirizz permanenti tiegħu jew fejn is-soltu joqgħod.".

Jemenda l-partita 11 tat-Taqsima Tnejn tal-Iskeda.

3. Il-paragrafu (h) tal-partita 11 tat-Taqsima Tnejn tal-Iskeda għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(h) l-għoti ta' aċċess għal sistema ta' gass naturali li tkun tinsab fit-territorju tal-Komunità jew lil kwalunkwe *network* konness ma' tali sistema, għas-sistema tal-elettriku jew għan-*networks* tat-tisħin jew tat-tkessiħ, jew it-trasmissjoni jew id-distribuzzjoni permezz ta' dawn is-sistemi jew *networks*, u l-provvista ta' servizzi oħrajn direttament marbutin magħhom;".